— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni mressqa mill-Kunsill skont l-Artikolu 82(1)(d) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0032/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0268/2011),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożiżżjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika ta' l-Islanda u tar-Renju tan-Norveġja.

---

## Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu *

P7_TA(2011)0358

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2011 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 521/2008 li tistabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (COM(2011)0224 – C7-0120/2011 – 2011/0091(NLE))**

(2013/C 51 E/43)

(Konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2011)0224),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 187 u 188 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, skont liema ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0120/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 u l-Artikolu 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0261/2011),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---